

PARLAMENT EWROPEW

2009



2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

30.6.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Il-Proċedura Baġitarja Annwali fil-Kumitat CULT

Dan id-dokument ta' ħidma jservi ta' daħla qasira għall-proċedura baġitarja u l-elementi ewlenin tagħha.

- Ifisser il-prinċipji bażiċi, il-kunċetti u r-regolamenti li jirregolaw din il-proċedura (differenti minn *dossiers* oħrajn).
- Jiddeskrivi l-karatteristiċi u l-aspetti ewlenin tal-baġit tal-Kummissjoni għall-2010
- Jiddiskuti l-linji baġitarji li għalihom huwa responsabbli l-Kumitat CULT.

Il-Kumitat CULT jadotta essenzjalment żewġ dokumenti:

1. Grupp ta' emendi għall-Abbozz tal-Baġit

Il-CULT hu meqjus responsabbli għal numru ta' linji baġitarji li għalihom jista' jressaq emendi (ara aktar 'l isfel għad-dettalji). Dawn l-emendi jitressqu fis-sessjoni Plenarja jekk il-Kumitat għall-Baġits (COBU) jagħti l-kunsens tiegħu. Jekk il-Kumitat għall-Baġits jirrifjuta emenda, tista' ssir talba mill-kumitat li jkun adottaha biex l-emenda terġa' titressaq¹.

2. Opinjoni mhux leġislattiva

L-opinjoni, darba tkun adottata, tiġi inkorporata mill-Kumitat għall-Baġits fir-rapport tiegħu li jkun il-bażi għal rizzoluzzjoni tal-Parlament.

¹ ara wkoll l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura

L-iskedi ssuġġeriti għal dawn iż-żewġ elementi huma:

Data	Opinjoni	Emendi għall-Abbozz tal-Baġit
29 ta' April	Il-Kummissjoni tressaq l-Abbozz Preliminari tal-Baġit	
15 ta' Lulju	Il-Kunsill jadotta l-Abbozz tal-Baġit	
20 ta' Lulju	Laqgħa tal-CULT/skambju ta' opinjonijiet dwar il-proċedura tal-Baġit 2010	
31 ta' Lulju, nofsinhar	---	data ta' skadenza għat-tressiq tal-emendi fil-CULT
2/3 ta' Settembru	skambju ta' opinjonijiet dwar l-abbozz ta' opinjoni fil-CULT	votazzjoni dwar l-emendi mressqa fil-CULT
11 ta' Settembru, nofsinhar	data ta' skadenza għat-tressiq tal-emendi fil-CULT	---
5/6 ta' Ottubru	votazzjoni dwar l-abbozz ta' opinjoni fil-CULT	---

1. Prinċipji Bażiċi u Proċedura

Ir-regoli finanzjarji u l-proċedura baġitarja li jirregolaw il-Baġit tal-UE huma stabbiliti fl-Artikoli 268-280 tat-TEC¹.

Il-baġit tal-UE hu bbażat fuq is-sistema ta' riżorsi tagħha stess, li tikkonsisti fil-biċċa l-kbira minn trasferimenti mill-Istati Membri. Id-dħul kollu jinġabar u jintuża bla distinzjoni għall-finanzjament tan-nefqa kollha.

Biex tiġi ggarantita l-kontinwità u l-istabilità finanzjarja, sar qbil dwar in-nefqa tal-UE għall-perjodu 2007-2013. Dan il-ftehim huwa stabbilit fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013 (il-MAFF - ara l-iskema grafika fil-paġna li jmiss). Tagħmel parti mill-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament². Għal kull sena, in-nefqa nqasmet f'sitt kategoriji jew intestaturi li għalihom ġew definiti limiti massimi.

Ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-baġit u għall-kontroll tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju³.

¹ Għat-tieni u t-tielet pilastru, id-dispożizzjonijiet finanzjarji jinsabu fl-Artikoli 27 u 41 tat-TEU. M'għandhomx rilevanza f'dan il-kuntest.

² Ftehim Interistituzzjonali (IIA) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja solida (2006/C139/01). Jekk il-modifiki previsti mit-Trattat ta' Liżbona jidħlu fis-seħħ, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jiġi inkluż fit-Trattat.

³ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, emendat fl-2006 u fl-2007.

Il-Qafas Finanzjarju 2007-2013 (f'miljuni ta' EUR)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
1. Tkabbir Sostenibbli	51 267	52 415	53 616	54 294	55 368	56 876	58 303
<i>a. Kompetittività</i>	8404	9097	9754	10343	11295	12153	12961
<i>b. Koeżjoni</i>	42 863	43 318	43 862	43 860	44 073	44 723	45 342
2. Riżorsi Naturali	54 985	54 322	53 666	53 035	52 400	51 775	51 161
3. Ċittadini, libertà, sigurtà, ġustizzja	1199	1258	1380	1503	1645	1797	1988
<i>a. libertà, sigurtà u ġustizzja</i>	600	690	790	910	1050	1200	1390
<i>b. ċittadinanza</i>	599	568	590	593	595	597	598
4. L-UE bħala parteċipanta globali	6199	6469	6739	7009	7339	7679	8029
5. Amministrazzjoni	6633	6818	6973	7111	7255	7400	7610
6. Kumpensi (BG u RO)	419	191	190				
impenji totali	120 702	121 473	122 564	122 952	124 007	125 527	127 097

prezzijiet tal-2004

Fid-dawl tal-kummenti ta' hawn fuq, il-proċedura baġitarja annwali tista' tkun deskritta bħala li taqdi essenzjalment l-iskop li tiddetermina d-dettalji tan-nefqa tal-UE fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju. Tinvolti l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Huwa previst li jsir l-ewwel u t-tieni qari mill-Kunsill u mill-Parlament.

Fil-ftuħ tal-proċedura baġitarja, il-Kummissjoni tadotta dak li hu magħruf bħala l-Abbozz Preliminari tal-Baġit (il-PDB). Il-baġit jitressaq fi 32 titolu jew qasam ta' politika, li kull wieħed minnhom ikollu bosta kapitoli li jikkonsistu f'artikoli u, fl-aħħar, f'partiti individwali¹. It-32 titolu/qasam ta' politika huma marbuta mas-6 intestaturi. Il-PDB normalment ikun adottat għal tmiem April/il-bidu ta' Mejju. Wara dan, il-Kunsill jadotta l-Abbozz tal-Baġit, li jkun verżjoni modifikata tad-dokument tal-Kummissjoni (l-ewwel qari tal-Kunsill). Jiġi adottat għall-15 ta' Lulju. Il-Parlament Ewropew jirreaġixxi għal dan l-Abbozz tal-Baġit u min-naħa tiegħu jemenda l-Abbozz tal-Baġit fl-ewwel qari (f'Ottubru). Imbagħad il-Kunsill jista' jaċċetta jew jibdel dak li jkun ġie mmodifikat mill-Parlament (it-tieni qari tal-Kunsill). Il-konklużjonijiet jerġgħu jmorru quddiem il-Parlament li jista' jerġa' jressaq mill-ġdid dawk il-modifiki li jkun ippropona fl-ewwel qari. It-tieni qari tal-PE tal-baġit isir f'Diċembru u jagħlaq il-proċedura annwali.

Hemm għadd ta' kunċetti baġitarji li huwa importanti li jinftiehm:

➤ Nefqa obligatorja/mhux obligatorja

Il-Kunsill għandu l-aħħar kelma f'dawk il-partijiet tal-baġit li huma meqjusa bħala "nefqa obligatorja" (madwar 45% tan-nefqa totali annwali) i.e. nefqa li "tirriżulta neċessarjament

¹ Hekk, il-linji baġitarji jistgħu jkunu magħmula minn 8 ċifri (pereżempju: 15 01 02 01 titolu 15, kapitolu 01, artikolu 02, partita 01).

mit-Trattati jew minn atti adottati f'konformità magħhom"¹. Il-Parlament jieħu d-deċiżjoni finali fuq il-bqija tal-baġit, li hi meqjusa bħala "nefqa mhux obbligatorja" (madwar 55%).

<i>Intestatura</i>	<i>obbligatorja/mhux obbligatorja</i>
1a Tkabbir Sostenibbli/ <i>Kompetittività</i>	mhux obbligatorja
1b Tkabbir Sostenibbli/ <i>Koeżjoni</i>	mhux obbligatorja
2 Riżorsi Naturali	fil-biċċa l-kbira obbligatorja (l-għajnuna għall-PAK u s-sajd)
3a Ċittadini, libertà, sigurtà, ġustizzja/ <i>libertà, sigurtà u ġustizzja</i>	mhux obbligatorja
3b Ċittadini, libertà, sigurtà, ġustizzja/ <i>ċittadinanza</i>	mhux obbligatorja
4 L-UE bħala parteċipanta globali	mhux obbligatorja, barra l-ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, il-kontribuzzjonijiet lill-għaqdiet internazzjonali, il-fond għall-garanzija tas-self
5 Amministrazzjoni	fil-biċċa l-kbira mhux obbligatorja
6 Kumpensi (BG u RO)	obbligatorja

➤ Marġni

Kif issemma qabel, il-Qafas Finanzjarju jrid ikun osservat. Fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit annwali tagħha, il-Kummissjoni madankollu normalment tibqa' wkoll taħt il-limiti massimi previsti mill-Qafas Finanzjarju. Dan ifisser li jibqa' marġni bejn l-ammont propost u l-ammont massimu li jista' jkun impenjat f'konformità mal-MAFF. B'hekk ikun hemm hemm marġnijiet "mhux utilizzati" li jistgħu jiġu sfruttati mill-PE.

➤ Impenji u ħlasijiet

Għal kull linja baġitarja, issir distinzjoni bejn "approprijazzjonijiet ta' impenn" (CA) u "approprijazzjonijiet ta' ħlas" (PA). L-approprijazzjonijiet ta' impenn jikkostitwixxu l-ammont awtorizzat li jintefaq f'sena baġitarja. Dan it-tip ta' approprijazzjoni jikkostitwixxi l-limitu massimu tan-nefqa li jista' jiġi impenjat matul is-sena finanzjarja. Min-naħa l-oħra, l-approprijazzjonijiet ta' ħlas ikopru n-nefqa kollha li tiġi mill-impenji li jkunu saru fis-sena finanzjarja kurrenti jew fis-snin preċedenti. Dawn għandhom regoli baġitarji aktar ikkumplikati, billi ammont impenjat f'sena minnhom mhux bilfors jintefaq f'dik is-sena: il-ħlasijiet jiddependu mill-progress ta' miżura jew attività partikolari u jistgħu jdumu għal bosta snin.

➤ Nefqa operattiva u amministrattiva

Hemm distinzjoni importanti oħra bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva. Filwaqt li n-nefqa operattiva tirrappreżenta l-baġit li jintefaq fuq l-implimentazzjoni tal-politiki, in-nefqa amministrattiva tirrappreżenta l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' qasam ta' politika. Din id-distinzjoni hija mezz biex il-baġit ikun aktar trasparenti.

¹ ara IIA

➤ Kummenti baġitarji

Kull linja baġitarja tkun akkumpanjata minn sett ta' kummenti, li jfissru r-raġuni għall-ħolqien ta' dik il-linja baġitarja u xi karatteristiċi speċjali li jista' jkollha. Il-kummenti jindikaw ukoll liema hi l-bażi legali għan-nefqa: dan hu importanti minħabba li n-nefqa kollha trid tkun iġġustifikata b'referenza għal xi bażi legali. Fl-aħħar, għandu jkun osservat li r-regolamenti finanzjarji tal-UE ma jippermettux li jitwarrbu somom speċifiċi għal korpi jew għaqdiet b'isimhom.

➤ Riserva

Il-Parlament, minflok ma jagħti fondi direttament lill-Kummissjoni għal attività partikolari, jista' jqiegħed partijiet mill-flejjes (jew kollha) f'riserva li minnha jkunu jistgħu jiġu rilaxxati biss jekk il-Kummissjoni tkun issodisfat ċerti kundizzjonijiet. Din hija għodda importanti li l-PE jista' jutilizza biex jiżgura li l-Kummissjoni tosserva l-prijoritajiet politiċi li tkun esprimiet fil-proċedura baġitarja.

➤ Proġetti Pilota u Azzjonijiet ta' Tħejjija

Għal kull impenn finanzjarju għandu jkun hemm linja baġitarja. U għal kull linja baġitarja għandu jkun hemm att leġiżlattiv li jawtorizza n-nefqa msemija li għandha ssir. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma l-Proġetti Pilota u l-Azzjonijiet ta' Tħejjija: f'dawn il-każijiet, jistgħu jiġu impenjati fondi mingħajr att leġiżlattiv. Dawn l-istrumenti jdaħħlu element importanti ta' flessibilità fil-baġit, iżda madankollu huma suġġetti għal kundizzjonijiet stretti. Proġett pilota jista' jidm għaddej sentejn. Azzjoni ta' tħejjija (li suppost tħejji t-triq għal programm) ma tistax iddum aktar minn tliet snin qabel ikun adottat att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-programm. Hemm limitu massimu għall-azzjonijiet kollha ta' tħejjija f'kull sena baġitarja ta' EUR 100 miljun (u għal azzjonijiet *ġodda* ta' tħejjija ta' EUR 50 miljun kull sena). L-iskemi pilota ma jistgħux jaqbu l-ammont totali ta' EUR 40 miljun kull sena.

Fil-qosor, il-Parlament prinċipalment

- **jimla l-marġnijiet imħollija mill-Kummissjoni fil-PDB, sikwit billi jipproponi Azzjonijiet ġodda ta' Tħejjija jew Proġetti Pilota**
- **jimmodifika l-approprijazzjonijiet ta' impenn iktar milli l-approprijazzjonijiet ta' ħlasijiet**
- **jimmodifika l-kummenti**
- **iqiegħed fondi fir-riserva**

2. Il-linji baġitarji tal-CULT

Il-CULT hu responsabbli għal madwar 65 linja baġitarja, b'baġit annwali totali ta' madwar EUR 1.9 biljun¹ li jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor 1.5% tal-baġit totali tal-UE. Il-biċċa l-

¹ ara l-lista mehmuża.

kbira minnhom jidħlu fl-intestatura 1a "Kompetittività għat-*tkabbir u l-impjiegi*" jew fl-intestatura 3b "Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju pluriennali. Iż-*żewġ* intestaturi huma meqjusa li jkopru nefqa mhux obbligatorja. Fl-*Abbozz Preliminari tal-Baġit (il-PDB)* imressaq mill-Kummissjoni, dawn huma essenzjalment it-titoli 9, 15 u 16.

Il-biċċa l-kbira tan-nefqa tmur għas-*7 programmi ta' finanzjament pluriennali*. Dawn il-programmi huma elementi politikament viżibbli ħafna tat-tfassil tal-politiki tal-UE, qrib iċ-*ċittadini u sikwit popolari ħafna* (pereżempju, l-Erasmus, li jagħmel sehem mill-programm ta' Tagħlim għal Matul il-Ħajja; jew il-*Ġemellaġġ tal-Bliet*, li hu parti mill-programm l-Ewropa għaċ-*Ċittadini*). Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet f'dawn il-programmi jipprovdu għotjiet individwali li jmorru direttament għal individwi jew għaqdiet.

L-atti legali li stabbilixxew dawn il-programmi f'issaw ukoll il-baġits tagħhom għall-perjodu 2007-2013 kollu kemm hu. Dawn huma maqsuma kif ġej:

Programm	Baġit (f' miljuni ta' EUR)
Tagħlim għal Matul il-Ħajja 2007-2013	6 900
Żgħażaġħ fl-Azzjoni 2007-2013	855
Media 2007	755
Erasmus Mundus (2009-2013)	494
Kultura 2007-2013	400
L-Ewropa għaċ-Ċittadini 2007-2013	215
Media Mundus (2011-2013)	15

prezzijiet tal-2004

Dawn il-programmi huma *implimentati permezz ta' strutturi ta' ġestjoni differenti* li jinvolvu l-Kummissjoni, l-Aġenziji Nazzjonali u Aġenzija Eżekuttiva f'livelli differenti. Għandu jkun osservat li, filwaqt li n-nefqa amministrattiva għall-Kummissjoni u s-sussidji għall-Aġenzija Eżekuttiva huma indikati b'mod ċar fil-baġit, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-tħaddim tal-aġenziji nazzjonali jittieħdu mill-baġit operattiv tal-linji tal-programm li jkunu qegħdin imexxu u għalhekk ikunu anqas viżibbli.

3. Il-proċedura tal-Baġit 2010

Għall-2010 il-limitu massimu totali propost għall-approprijazzjonijiet ta' impenn (CA) hu ta' EUR 139 789¹ miljun u jirrappreżenta 1.19% tad-Dħul Nazzjonali Gross (GNI) tal-UE-27 filwaqt li l-limitu massimu għall-approprijazzjonijiet ta' ħlasijiet (PA) jikkorrispondi għal 1.14% tal-GNI. L-*Abbozz Preliminari tal-Baġit* adottat mill-Kummissjoni għall-2010 jipprevedi impenji ta' EUR 138 563 miljun, li hi żieda ta' 1.5% meta titqabbel mal-2009. Dan

¹ bil-prezzijiet attwali

iħalli marġni globali ta' EUR 1 754 miljun.

Għal dawk li huma l-intestaturi ewlenin li huma ta' interess għall-Kumitat CULT, l-intestatura 1a għandha marġni ta' EUR 118.6 miljun filwaqt li l-intestatura 3b tiddisponi minn marġni żgħir ta' EUR 18.7 miljun biss.

Fl-imgħoddi, meta l-Kunsill, fl-Abbozz tiegħu tal-Baġit, ippropona tnaqqis fil-linji baġitarji li għalihom hu responsabbli dan il-kumitat, ir-rapporteur tal-baġit tal-Kumitat ressaq emendi biex jerġa' jgħib l-ammonti indikati oriġinarjament fil-PDB.

Jistgħu jsiru xi kummenti dwar it-titoli baġitarji individwali fil-PDB u fl-Abbozz tal-Baġit li għalihom hu responsabbli l-Kumitat CULT:

➤ Qasam tal-Politika 09 - Is-Soċjetà tal-Infurmazzjoni

F'dan il-qasam ta' politika jidħol il-programm "Media 2007" u l-Azzjoni ta' Tħejjija "Media 2007 fpajjiżi terzi" li fl-2011 se jittihdilhom posthom mill-programm Media Mundus.

➤ Qasam tal-Politika 15 - L-Edukazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-linji baġitarji tal-CULT jinstabu f'dan il-qasam ta' politika. Il-programmi "Tagħlim għal Matul il-Ħajja", "Żgħażaġħ fl-Azzjoni", "Kultura", "L-Ewropa għċ-Ċittadini", kif ukoll l-Azzjoni ta' Tħejjija fil-qasam tal-isports kollha jidħlu hawn. Il-livelli totali tan-nefqa għall-2010 juru żieda żgħira meta jitqabblu mal-2009, iżda l-baġit għall-Azzjoni ta' Tħejjija fl-isports se jonqos minn EUR 6 miljun għal EUR 1.5 miljun.

Kienet proposta Azzjoni ta' Tħejjija ġdida mill-Kummissjoni, bl-isem "Azzjoni ta' Tħejjija - Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011". Din l-azzjoni hija intiża biex tħejji t-triq għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011. Madankollu, għandu jkun osservat li l-bażi legali għal din is-Sena Ewropea għad ma ġietx adottata. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Parlament jista' jkollu jitlob aktar tagħrif mill-Kummissjoni qabel jaċċetta din l-azzjoni ta' tħejjija (aktar u aktar billi din tnaqqas il-marġni li jibqa' fl-intestatura 3b) jew jista' jagħżel li jqiegħed l-approprijazzjonijiet mitluba fir-riserva sakemm ikun adottat l-att legali.

➤ Qasam tal-Politika 16 - Il-Komunikazzjoni

Fl-2008, il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill iffirmaw dikjarazzjoni konġunta biex jikkommettu ruħhom li jtejbu l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-UE billi jkattru l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet. U fil-baġit tal-2009, il-Parlament żgura li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni jingħatawllhom fondi biżżejjed biex jaħsbu għal aktar riżorsi għad-dispożizzjoni tal-elezzjonijiet tal-PE. Għall-baġit 2010, l-approprijazzjonijiet mitluba mill-Kummissjoni fil-qasam "lokali" huma anqas milli kienu fl-2009 (tnaqqis minn EUR 39 miljun għal EUR 34 miljun). Għalhekk, il-baġit totali għall-komunikazzjoni previst għall-2010 hu f'it inqas minn dak li kien disponibbli fl-2009.

ANNEX: Lista ta' linji baġitarji tal-CULT fil-PDB tal-2010

Linja Baġitarja	Titolu	Baġit 2009		PDB 2010	
		impenji	ħlasijiet	impenji	ħlasijiet
09 01 04 05	MEDIA 2007 — Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva	500.000	500.000	400.000	400.000
09 01 04 06	Miżuri oħra fis-settur awdjoviżiv u fil-midja — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva	50.000	50.000	50.000	50.000
09 01 04 30	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, is-Settur Awdjoviżiv u l-Kultura — Sussidju għall-programmi fl-Intestatura 3b	8.860.000	8.860.000	8.926.500	8.926.500
09 02 02 02	Tlestija tas-Safer Internet plus — Promozzjoni ta' użu aktar sikur tal-Internet u ta' teknoloġiji ġodda onlajn	-	12.000.000	-	7.900.000
09 03 03	Azzjoni ta' thejġija għall-ħolqien ta' sistema bbażata fuq l-Internet għal leġiżlazzjoni aħjar u għas-sehem tal-pubbliku	p.m.	1.900.000		1.077.000
09 06 01	MEDIA 2007 — Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew	0	0	0	0
09 06 01 01	MEDIA 2007 — Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew	97.580.000	80.000.000	101.678.500	92.100.000
09 06 01 02	Azzjoni ta' thejġija dwar l-implimentazzjoni tal-programmi MEDIA 2007 f'pajjiżi terzi	5.000.000	5.000.000	p.m.	780.000
09 06 02	Tlestija tal-programmi MEDIA preċedenti	-		-	1.000.000
09 06 03	Miżuri oħrajn fis-settur awdjoviżiv u fil-midja	950.000	1.200.000	950.000	1.200.000
09 06 04	It-ikabbir u s-settur awdjoviżiv: azzjonijiet bi thejġija fl-inizjattiva awdjoviżiva i2i	-	p.m.	-	p.m.
15 01 01	Nefqa marbuta mal-istaff f'impjeg attiv fil-qasam tal-politika "Edukazzjoni u kultura"	47.197.837	47.197.837	51.289.437	51.289.437
	<i>riserva</i>	699.382	699.382		
15 01 02 01	Staff estern	3.573.358	3.573.358	3.818.280	3.818.280
	<i>riserva</i>	188.072	188.072		
15 01 02 11	Nefqa oħra tal-ġestjoni	4.968.263	4.968.263	5.417.963	5.417.963
	<i>riserva</i>	261.488	261.488		
15 01 03	Nefqa marbuta mat-tagħmir, l-għamara u s-servizzi fil-qasam tal-politika "Edukazzjoni u kultura"	3.273.615	3.273.615	3.740.214	3.740.214
	<i>riserva</i>	172.296	172.296		

15 01 04 14	Erasmus Mundus — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	2.536.000	2.536.000	770.000	770.000
15 01 04 17	Kooperazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali ma' pajjiżi li mhumiex membri — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	115.000	115.000	115.000	115.000
15 01 04 20	Żjarat lill-Kummissjoni — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	650.000	650.000	720.000	720.000
15 01 04 22	Tagħlim Matul il-Ħajja — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	7.743.000	7.743.000	8.843.000	8.843.000
15 01 04 30	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, is-Settur Awdjoviżiv u l-Kultura — Sussidju għall-programmi fl-Intestatura 1a	19.766.000	19.766.000	21.199.000	21.199.000
15 01 04 31	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, is-Settur Awdjoviżiv u l-Kultura — Sussidju għall-programmi fl-Intestatura 3b	9.891.000	9.891.000	10.283.000	10.283.000
15 01 04 32	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, is-Settur Awdjoviżiv u l-Kultura — Sussidju għall-programmi fl-Intestatura 4	640.000	640.000	597.000	597.000
15 01 04 44	Programm Kultura (2007-2013) — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	646.000	646.000	529.000	529.000
15 01 04 55	Żgħażaġħ fl-Azzjoni — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	780.000	780.000	780.000	780.000
15 01 04 66	L-Ewropa għċ-Ċittadini — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	274.000	274.000	250.000	250.000
15 01 60 01	Ħażniet fil-libreriji, abbonamenti u xiri u preservazzjoni tal-kotba	2.700.000	2.700.000	2.720.000	2.720.000
15 01 61	Spiża għall-organizzazzjoni ta' apprendistati għall-gradwati mal-istituzzjoni	6.910.000	6.910.000	7.042.000	7.042.000
15 02 02 05	Erasmus Mundus	90.250.000	76.000.000	93.153.000	78.000.000
15 02 02 06	Proġett pilota — Mobilità individwali tal-istudenti fl-iskejjel sekondarji għolja	-	p.m.	-	-
15 02 03	Kooperazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali ma' pajjiżi li mhumiex membri	8.042.000	6.200.000	8.000.000	5.200.000
15 02 09	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ	-	27.000.000	-	13.000.000
15 02 22	Programm tat-Tagħlim għal Matul il-Ħajja	940.363.000	905.000.000	978.113.000	950.000.000
15 02 23	Azzjoni ta' thejġija — Programm stil Erasmus għall-apprendisti	p.m.	210.000	-	300.000
	<i>riserva</i>	<i>1.000.000</i>	<i>790.000</i>		
15 02 28	Proġett pilota — Boroż ta' studju tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fil-Kulleġġ tal-Ewropa	-	p.m.		-
15 02 30	Proġett Pilota — Politika Ewropea tal-Viċinat — Titjib fl-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji	p.m.		p.m.	p.m.

15 04 09	Tlestija ta' programmi preċedenti/azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa	-	3.500.000	-	1.000.000
15 04 44	Programm Kultura (2007-2013)	51.726.000	41.000.000	53.636.000	43.000.000
15 04 45	Proġett pilota għall-mobilità tal-artisti	1.500.000	1.500.000	p.m.	100.000
15 04 47	Is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali	p.m.	2.800.000		300.000
15 05 09	Tlestija ta' programmi preċedenti/azzjonijiet fil-qasam taz-zgħażaġh	-	6.000.000	-	600.000
15 05 10	Amicus — Assoċjazzjoni ta' Stati Membri li Jimplimentaw Servizz Universali Komunitarju	p.m.	540.000		1.060.000
15 05 11	Azzjoni ta' thejġija fil-qasam tal-isports	6.000.000	6.000.000	1.500.000	1.500.000
15 05 55	Żgħażaġħ fl-Azzjoni	124.106.000	115.000.000	124.106.000	121.000.000
15 06 01	Proġett pilota favur iċ-ċittadinanza	-	p.m.	-	p.m.
15 06 02	Tlestija tal-ispiża għall-organizzazzjoni ta' apprendistati għall-gradwati mal-istituzzjoni				
15 06 05	Żjarat lill-Kummissjoni	2.050.000	1.690.000	2.390.000	2.100.000
15 06 06	Avvenimenti annwali speċjali	1.500.000	800.000	p.m.	450.000
15 06 09	Tlestija ta' programmi preċedenti/azzjonijiet fil-qasam tal-parteċipazzjoni ċivika	-	400.000	-	15.000
15 06 11	Azzjoni ta' thejġija — Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011	0	0	2.000.000	1.200.000
15 06 66	L-Ewropa għe-Ċittadini	30.460.000	25.000.000	30.480.000	21.000.000
16 01 01 01	Nefqa marbuta mal-istaff f'impjieg attiv fil-qasam tal-politika "Komunikazzjoni" Sede ċentrali	50.001.669	50.001.669	53.005.440	53.005.440
	<i>riserva</i>	<i>740.929</i>	<i>740.929</i>		
16 01 02 01	Staff estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Sede ċentrali	5.853.907	5.853.907	5.820.586	5.820.586
16 01 02 03	Staff lokali tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Uffiċċji ta' rappreżentanza	16.530.000	16.530.000	16.355.000	16.355.000
16 01 02 11	Nefqa oħra tal-ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Sede ċentrali	3.530.879	3.530.879	3.750.999	3.750.999
16 01 03 01	Nefqa marbuta mat-tagħmir, l-għamara u s-servizzi tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Sede ċentrali	3.650.620	3.650.620	3.865.351	3.865.351

16 01 03 03	Bini u nefqa marbuta miegħu tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Uffiċċji ta' rappreżentanza	25.100.000	25.100.000	25.100.000	25.100.000
16 01 03 04	Nefqa oħra tal-operat	1.813.000	1.813.000	1.500.000	1.500.000
16 01 04 01	Azzjonijiet tal-komunikazzjoni — Nefqa tal-ġestjoni amministrattiva	2.900.000	2.900.000	3.200.000	3.200.000
16 02 02	Azzjonijiet multimedjali	29.900.000	25.000.000	30.750.000	25.000.000
16 02 03	Tagħrif għall-midja	6.000.000	5.000.000	4.760.000	4.000.000
16 02 04	Tħaddim tal-istudjos tar-radju u t-televiżjoni u tat-tagħmir awdjoviżiv	6.254.000	6.254.000	6.755.000	6.500.000
16 03 01	Uffiċċji tal-informazzjoni	14.300.000	15.000.000	12.400.000	11.500.000
16 03 02	Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi	10.200.000	10.000.000	8.360.000	8.000.000
16 03 04	Għall-Komunikazzjoni tal-Ewropa fis-Sħubija	12.830.000	12.830.000	13.130.000	12.000.000
16 03 05	EuroGlobe	0	0	0	0
16 03 05 01	Azzjoni ta' tħejija — EuroGlobe	1.500.000	1.500.000	p.m.	p.m.
16 03 05 02	Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe	p.m.	590.000		1.000.000
16 04 01	Analiżi tal-opinjoni pubblika	5.800.000	5.800.000	5.900.000	5.100.000
16 04 02	Tagħrif onlajn u għodod tal-komunikazzjoni	11.620.000	10.620.000	11.850.000	11.500.000
16 04 03	Pubblikazzjonijiet bil-miktub għal udjenza speċifika	2.950.000	5.000.000	3.000.000	3.500.000
16 04 04	Pubblikazzjonijiet bil-miktub għal użu ġenerali	3.257.000	3.257.000	3.300.000	3.300.000
25 02 01 01	Arkivji storiċi tal-Unjoni Ewropea	1.786.000	1.786.000	2.020.000	2.020.000
25 02 04 01	Bażijiet ta' dejta b'dokumentarji	700.000	700.000	700.000	700.000
25 02 04 02	Pubblikazzjonijiet ġenerali	1.463.000	1.463.000	1.463.000	1.463.000
26 01 51	Skejjel Ewropej	148.541.807	148.541.807	154.212.044	154.212.044
26 03 02	Programm Erasmus għall-amministrazzjoni pubblika	1.000.000	1.000.000	-	750.000

Linji totali magħżula:	1.851.145.122	1.806.388.122	1.894.694.314	1.834.514.814
-------------------------------	----------------------	----------------------	----------------------	----------------------